MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 227/2005

**Anthony (ID 374958M) u Emanuela (ID 422154M) konjugi Agius**

**Vs**

**Charles u Anna konjugi Mifsud**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta’ Jannar 2005 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta’ Lm1400 (elf u erba` mitt Lira Maltin) dovuti ghal danni subiti fil-propjeta’ tal-atturi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Danni subiti mill-atturi minhabba xogholijiet ezegwiti mill-konvenuti fi sqaq adjacenti ghall-propjeta rispettivi tal-partijiet u dan kif jirrizulta ahjar minn certifikazzjoni tal-Perit Arkitett Charles Buhagiar hawn anness u markat dokument CB.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Fl-ewwel lok, dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza *ratione materiae* illi jisma t-talba attrici billi din hija marbuta ma jeddijiet li jirrigwardaw propjeta` immobli.
2. Fit-tinei lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-pretensjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-artikoluu 2153 fil-Kodici Civili.
3. Ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-meritu, il-konvenuti ma jahtu bl-ebda mod ghall-hsara lamentata mill-atturi.

Ra l-ewwel eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza "ratione materiae".

Sema` lil konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkonsidra:

Illi l-konvenuti qed jeccipixxu l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal billi l-azzjoni attrici tibbaza ruhha fuq jeddijiet li jirrigwardjaw propjeta` mmobbli.

Illi c-citazzjoni numru 846/02 TRM fl-istess ismijiet tikkoncerna jeddijiet ta' propjeta`. Pero` mhux il-kawza odjerna.

Illi kif jirrizulta mill-premessi tal-avviz u certifikat peritali hemm anness, l-azzjoni attrici tikkoncerna danni sofferti mill-konvenuti fil-propjeta` tal-atturi waqt allegati xogholijiet mill-istess konvenuti fil-propjeta` taghhom. Prima facie jidher ma hemm l-ebda kwistjoni ta' titolu ta' propjeta` mmobbli.

In vista li t-talba attrici jikkomprendi pagament ta' danni, dina l-azzjoni hija perfettament fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, jordna l-prosegwiment tal-kawza. Spejjes rizervati ghal gjudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------